ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

StudentBounty.com

Rotta

## IT-TIELET SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*) IL-ĦIN: Siegħa u nofs

**L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha Erba' Taqsimiet (A, B, C u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi. Ikteb it-tweġiba tat-Taqsima D fuq karta separata.**

**Taqsima A: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**

"Il-bidla fil-ħajja tagħna hija waħda li ma tistax tiġi evitata. Il-fatturi għal din il-bidla huma ħafna, fil-fatt din il-bidla daħlet fis-seħħ hekk kif il-bniedem ħoloq l-ewwel għodda tiegħu. L-innovazzjoni tagħti lok sabiex għada jkun aħjar mil-lum. Ix-**xjenza** u t-**tekonoloġija** għandhom impatt kbir fuq is-soċjetà, u dan l-impatt qed jikber il-ħin kollu. Il-bidla l-kbira li qed issir fil-mezzi ta' komunikazzjoni, fit-trasport, fix-xogħol li aħna nagħmlu, fid-djar tagħna, fil-ħwejjeġ, fl-ikel kif ukoll saħansitra f'kemm indumu ngħixu u fil-kwalità tal-ħajja nnifisha, ikkawżaw bidla fil-valuri u fil-mod kif il-bniedem jaħseb.

Lura fiż-żmien, it-televiżjoni kien ikkunsidrat bħala l-quċċata tat-teknoloġija. Is-soċjetà tagħna waslet għall-punt fejn it-teknoloġija li qatt ma stajna nimmaġinaw għoxrin sena ilu, illum qed tiġi ivvintata l-ħin kollu. Aħseb dwar kemm aħna niddependu fuq prodotti teknoloġiċi. Aħseb ftit dwar kemm hu aktar faċli li tagħmel xi ħaġa bl-għajnuna tat-teknoloġija."

**Adattat minn *Impact of Science and Technology on Society* ta' James Burke, Jules Bergman and Isaac Asimov**, NASA Langley Research Center

**Mistoqsijiet:**

1. X'tifhem bil-kelma **xjenza**? (2 marki)
2. Xi tfisser il-kelma **teknoloġija**? (2 marki)
3. X'relazzjoni teżisti bejn ix-**xjenza** u t-**teknoloġija**? (2 marki)
4. Taħseb li t-teknoloġija qed tgħin sabiex ikollna soċjetà aktar demokratika? (4 marki)
5. X'tip ta' teknoloġija qed tiġi applikata fil-qasam tal-medicina bħala mezz ta' kura? (4 marki)
6. F'liema oqsma qed napplikaw it-teknoloġija bażika fil-ħajja ta' kuljum? (4 marki)
7. Semmi **ERBA'** vantaġġi li jeżistu bl-użu tat-teknoloġija meta tintuża fid-dinja tax-xogħol. (4 marki)
8. Barra mid-dinja tax-xogħol semmi **TLIET** żvantaġġi li jistgħu jeżistu bl-użu tat-teknoloġija. (3 marki)

**25 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima B: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jseg**

StudentBounty.com

" 'Il fuq minn 10 miljun tifel u tifla taħt l-età ta' ħames snin imutu kull sena – 98% mi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. Id-dgħufija fiżika minħabba nuqqas ta' ikel sustanzjuż fit-trobbija u iżvilupp tat-tfal jiftaħ il-bibien għal mard qattiel tat-tfal li jaqgħu f'din l-età, bħall-*perinatal disease*, il-pulmonite, id-dijarea u l-malarja. Dawn il-fatti jikkuntrastaw ferm mas-sitwazzjoni fid-dinja industrijalizzata fejn l-ikel mhux bnin u ta' malajr bħaċ-ċips u l-bergers li jagħmlu ħsara lis-saħħa kif ukoll l-istil ta' ħajja sedentarja (ħajja bi ftit li xejn moviment fejn il-biċċa l-kbira tax-xogħol jirrikjedi li toqgħod bilqiegħda), ħolqu l-problema kbira ta' obeżità fit-tfal. Dan iwassal għal problemi oħra meta l-persuna ssir adulta bħalma huma d-dijabete u l-problemi fil-qalb. Fl-aħħar tletin sena rajna waqgħa drastika fil-mortalità tat-tfal (jiġifieri, kemm imutu). Dan huwa riżultat pożittiv, għalkemm sfortunatament dawn ir-riżultati mhux qed jitgawdew mill-pajjiżi kollha tad-dinja. F'ċerti pajjiżi fl-Afrika, il-mortalità tat-tfal qed tiżdied minħabba l-gwerer u l-effetti qerrieda tal-epidemija tal-AIDS, li qed jheddu l-istrutturi mediċi, soċjali u ekonomiċi tas-soċjetà."

**Adattat minn Gordon B et al.** ***Inheriting the world, the Atlas on Children's Health and the Environment.*** **Geneva, World Health Organization, Myriad Editions Ltd, 2010.**

**Mistoqsijiet:**

1. Liema tip ta' mard jista' jikkawża il-mewt fit-tfal fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw? (2 marki)
2. X'inhu jikkawża l-obeżità fit-tfal? X'effetti għandu dan fuq l-individwu meta jikber? (3 marki)
3. Barra l-mard semmi ŻEWĠ kawżi oħra ta' mewt ta' ħafna tfal fil-kontinent Afrikan. (2 marki)
4. Agħti d-definizzjoni ta' pajjiż żviluppat u r-raġunijiet għaliex pajjiż jiżviluppa. (4 marki)
5. Agħti d-definizzjoni ta' pajjiż li qed jiżviluppa u r-raġunijiet għaliex pajjiżi bħal dawn ma jkunux żviluppaw bħall-oħrajn. (4 marki)
6. Semmi ŻEWĠ pajjiżi żviluppati u ŻEWĠ pajjiżi li qed jiżviluppaw. (4 marki)
7. Semmi xi affarijiet li għandu jagħmel il-bniedem biex jikber f'saħħtu. (2 marki)
8. F'Malta d-Dipartiment tas-Saħħa jagħti diversi servizzi, fosthom servizzi preventivi u kurattivi. Spjega d-differenza bejniethom. (4 marki)

**25 marka**

**Taqsima C: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:**

1. Aħna lkoll nagħmlu parti mill-komunità dinjija. X'jeħtieġ li nkunu nafu bħala ċittadini globali?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. X'inhi d-differenza bejn **partit politiku** u **gvern**?

3. Agħti d-differenza bejn is-**settur tal-manifattura** u s-**settur tas-servizzi**.

4. X'inhu r-rwol li għandhom jaqdu l-mezzi tal-mass midja fis-soċjetà?

5. X'inhuma l-valuri tas-soċjetà?

**25 marka**

**Taqsima D: Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi li ġejjin u ikteb madwar 200-250 kelma dwarha fuq karta separata:**

1. Meta persuna tkun mingħajr impjieg din tgħaddi minn esperjenza xejn sabiħa. Iddiskuti l-effetti negattivi li tesperjenza persuna bla xogħol.

2. Malta għandha wirt kulturali kbir. Dan għaliex konna maħkuma minn diversi ħakkiema li kellhom kulturi differenti u ħallew fdalijiet differenti. X'jeħtieġ isir sabiex il-Maltin japprezzaw din il-ġawhra ta' wirt kulturali?

3. X'effetti pożittivi u negattivi qed iħallu l-mezzi tal-mass midja fuq is-soċjetà?

4. Il-konsumatur għandu kemm drittijiet kif ukoll dmirijiet. Iddiskuti.

**25 marka**

**Total: 100 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers